MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 85/2010

**1. Isabella Merceica (ID 655358M)**
**2. Sister Carmen Mizzi (ID 808440M)**
**3. Joseph Mizzi (ID 840744M)**
**4. Vincent Mizzi (ID 463953M)**
**5. Salvinu Mizzi (ID 264547M)**
***propio* u kif ukoll bhala rapprezentant tal-assenti Anthony Mizzi**
**6. Clotilde Bord (ID 797248M)**
**7. Felicity Micallef (ID 797348M)**
**8. Cecilia Dalli (ID 928050M)**
**9. Josephine Cassar (ID 31967M)**
**10. Jennifer Sammut (ID 40970M)**
**11. Charlot Sammut (ID 12476M)**

**vs**

**1. Carolina Investments Limited (C 38537)**

**2. Rose Investments Limited (C 38536)**
**3. Marcarm Services Company Limtied (C 8005)**
**4. Mario (ID 781643M) u Carmen (ID 538047M) konjugi Spiteri**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi fejn gie premess:-

Illi huma proprjetarji ta’ maisonette li jinsab f’162, St Simon Street, Bugibba.

Illi s-socjeta’ konvenuta Carolina Investments Limited (C 38537) jew terzi mqabbda minnha ghamlu u qed jaghmlu xoghlijiet appogg mal-proprjeta’ tar-rikorrenti u minhabba f’hekk l-istess proprjeta’ tar-rikorrenti soffriet u qed issofri hsarat ingenti. Il-kumplament tal-konvenuti huma s-sidien tas-sit fejn qieghed isir l-izvilupp mis-socjeta’ konvenuta Carolina Investments Limited.

Illi dana gie ampjament u professjonalment accertat mill-Perit Ruben Paul Borg, inkarigat mill-atturi, li kkonkluda illi d-danni kkawzati lill-proprjeta’ tar-rikorrenti huma estensivi (rapport datat 1 ta’ Novembru 2008 redatt mill-Perit Rubel Paul Borg anness u immarkat Dok A).

Illi sabiex jikktawtelaw id-drittijiet taghhom, l-atturi nhar l-1 ta’ Gunju 2009 talbu l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni (Rik. numru 911/09 JZM fl-ismijiet “Isabelle Mercieca et v. Carolina Investments Limited”) u li permezz tieghu talbu lil dina l-Qorti sabiex tinibixxi lis-socjeta’ intimata Carolina Investments Limited milli “tkompli taghmel hija u/jew terzi persuni ohra mqabbda minnha kwalunkwe tip ta’ xoghol, inkluz, izda mhux biss, eskavazzjoni, zvilupp u kostruzzjoni mal-gnub u fuq wara tal-propjeta’ tar-rikorrenti ossia l-maisonette li jinsab 162, St Simon Street, Bugibba” (kopja tar-rikors tal-1 ta’ Gunju 2009 annessa u immarkata Dok B).

Illi dina l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba provizorjament, ordnat in-notifika lis-secojeta' konvenuta Carolina Investments Limited b'erbat (4) ijiem ghar-risposta u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar it-Tnejn 8 ta' Gunju 2009 fil-11.30 (kopja tad-digriet annessa u immarkata Dok C).

Illi fit-8 ta' Gunju 2009, dina l-Qorti irrilevat illi s-socjeta' intimata Carolina Investments Limited naqset milli tipprezenta risposta entru t-terminu minkejja li fl-udjenza deher certu Mario Spiteri in rapprezentanza tal-istess, u ghaddiet sabiex tilqa' t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub peress illi kienet tirrizulta prima facie gustifikata u peress illi kienu jezistu l-elementi rikjesti mal-ligi (kopja tad-decizjoni annessa u immarkata Dok D).

Illi sussegwentement, kien hemm trattivi in via di transazzjoni bejn il-partijiet tant illi z-zmien utili ghall-prezentata tal-kawza ghall-jedd imsemmi fil-madnat baqa' jigi prorogat diversi drabi, bl-ahhar estensjoni tkun valida sal-ahhar ta' Jannar 2010.

Huwa minnu li saru xi xogholijiet ta' riparazzjoni da parti tal-konvenuti, izda minkejja li ghaddew diversi xhur, mhux ix-xogholijiet kollha mehtiega sabiex il-proprjeta' tal-atturi terga' tigi riprstinata ghal kif kienet saru.

Illi nonostante r-rieda tajba tal-atturi sabiex jintlahaq ftehim, il-konvenuti baqghu intransigenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghall-imsemmija ragunijiet l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghad-danni kkagunati lill-atturi fil-prorpjeta' taghhom kagun tax-xogholijiet imwettqa u/jew ikkumissjunati lil terzi, li jigu likwidati, okkorrendo permezz tal-opera ta' periti nominandi, l-ammont ta' dawn id-danni kkagunati lill-atturi, li l-konvenuti, jew minn minnhom, jigu kkundannati jhallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez, inkluz dawk relatati mal-mandat ta' inibizzjoni Rik Nru 911/09JZM fl-ismijiet Isabelle Mercieca et v. Carolina Investments Limited, u il-konvenuti gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti fejn gie sottomess :-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-atturi.

Illi in effetti kif jirrisulta mid-dikjarazzjoni guramentata l-konvenuti effetwaw xogholijiet u riparazzjonijiet tal-proprjeta tal-atturi li kienet a priori fi stat ta' abbandun, inutilizzata u f'kundizzjoni hazina minhabba nuqqas ta' manutenzjoni liema kundizzjoni hija kkonfermata fir-ritratti annessi mar-rapport tal-Perit Ruben Paul Borg Dok A li principalment u fil-parti l-kbira jinsisti illi l-hsarat kienu ilhom jesistu fil-fond hafna qabel l-konvenuti biss bdew x-xogholijiet.

Illi matul it-trattativi l-konvenuti in effetti esegwew xoghol u riparazzjonijiet ferm in eccess ghal valur ta' danni minimi li setghu gew kawzati u kull spiza hekk inkorsa saret b'rieda tajba sabiex jigu evitati proceduri legali inutili tant li sakemm saru x-xogholijiet a sodisfazzjon tal-atturi l-partijiet baqghu jestendu b'noti appositi l-effett tal-mandat ta' inibizzjoni.

Illi x-xogholijiet effetwatati jeccedu ferm oltre d-danni effettivament ikkawzati direttament mill-agir tal-konvenuti fil-bini tal-proprjeta' taghhom.

Illi waqt access li sar gie kkonstatat illi l-fond tal-atturi kien inabitabbli, b'diversi hsarat strutturali minhabba nuqqas ta' manutenzjoni u kwindi hija eskluza l-possibilita' li dan kien effettivement fi stat li jinkera jew jigi uzat ghal abitazzjoni;

Illi l-atturi promuovew dawn il-pretensjonijiet ghaliex xtaqu jikkonstringu lill-intimati li jakkwistaw l-imsemmi fond u mhux ghaliex verament l-izvilupp tal-intimati kkawza danni effettivi.

Illi jsegwi li ma hemmx danni x'jigu likwidati.

Rat li fil-kors tas-seduta tat-28 ta' Gunju 2010 gie nominat bhala Perit Teknku l-AIC Godwin Abela bil-fakoltajiet soliti

Rat ir-rikors tal-Perit Tekniku tas-26 ta' Awissu 2010 li fih gie sottomess li saru xi hsarat fil-livell tal-bejt tal-proprjeta tal-atturi u in vista tal-fatt li l-istagun tax-xita qed joqrob u fl-interess li tigi minimizzata l-hsara u bhala prevenzjoni biex ma jkunx hemm dhul ta' ilma fil-proprjeta' tal-atturi r-rikorrrent il-Perit Tekniku talab li jigu awtorizzati s-segwenti xogholijiet preliminari u liema xogholijiet ghandhom isiru mis-socjetajiet konvenuti u cioe' 1) tnejjiha tad-debris minn fuq il-bejt, 2) tqeghid ta' zgoxx ta' membrane tul l-appogg komuni kollu 3)gheluq u tikhil tal-fili tal-opramorta u dawk estrni tat-tromba tat-tarag 4)tqeghid ta' opra morta gholja filata fuq it-tromba tat-tarag 5) tqeghud tal-kontravejt fuq l-istess tromba tat-tarag bi qlib go katusa li twassal l-ilma fuq il-bejt 6) tiswija u twahhil tat-tieqa tat-tromba tat-tarag fil-livell tal-bejt.

Rat ir-rikors tal-Perit Tekniku tal-1 ta' Frar 2011 li bih il-Qorti giet infurmata li x-xogholijiet kollha indikati fl-imsemmi rikors precedenti tal-Perit Tekniku u cioe' tas-26 ta' Awissu 2010 saru mis-socjetajiet konvenuti. Inoltre l-Qorti giet infurmata li s-socjetajiet konvenuti qabblu li jghamlu a spejjez taghhom is-segwenti xogholijiet:- irbit u ingaljar mill-gdid ta' fejn il-hitan jiltaqghu mal-appogg originali wara li dehru xquq vertikali kkawzati mix-xogholijiet. Kisi, tikhil u tibjid tat-tromba tat-tarag mil-livell tal-bejt sa isfel nett. Tindif u tibjid tal-kamra ta' quddiem fit-tieni sular. Tiswijiet ta' fejn dehru xquq zghar (hairline cracks) fil-kamra interna fit-tieni sular u zebgha fuq l-istess tiswijiet biex taqbel mal-kumplament tal-kamra (pant to match existing). Tiswijiet inkluzi kisi u zebgha fejn necessarju fuq dik il-parti tal-faccata tal-fond tal-atturi immedjatament adjacenti mas-sit tas-socjeta' intimata. Tikhil u mili tal-fili fuq il-faccata tal-fond tal-atturi fuq dik il-parti tal-faccata fit-tieni u t-tielet sular fuq in-naha tal-lemin meta wiehed ihares lejn il-faccata mit-trieq.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2011 minn fejn jirrizulta li deher il-Perit Tekniku cioe' l-AIC Godwin Abela u kkonferma li l-hsarat kollha li kien hemm fil-fond tal-atturi gew ripartati mill-konvenuti. Fl-istess seduta l-atturi ddikjaraw li huma sodisfatti bix-xoghilijiet kollha rimedjali li saru mill-konvenuti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Dicembru 2011 minn fejn jirrizulta li l-partijiet iddiskutew possibilta' ta' transazzjoni fuq il-basi li l-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf euro (€1000) lill-atturi bhala danni likwidati u jhallsu ukoll l-ispejjez kollha tal-kawza.

Semghat lill-Perit Tekniku msejjah mill-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-16 ta' Jannar 2012 minn fejn jirrizulta li l-atturi ddikjaraw li jaqblu mal-proposta kif verbalizzata fl-imsemmija seduta tas-6 ta' Dicembru 2011.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' April 2012 minn fejn jirrizulta li l-konvenuti ddikjaraw li huma lesti li jhallsu €1000 in solidum bejnithom lill-atturi u lesti ukoll li jhallsu l-ispejjez kollha tal-kawza "come ceduta."

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

L-atturi huma proprjetarji ta' fond li jinsab f'Bugibba u cioe' in-numru 162, St Simon Street. L-atturi qed jallegaw li s-socjeta' konvenuta Carolina Investments Limited jew terzi inkarikati minnha ghamlu u qed jaghmlu xoghlijiet mal-imsemmija proprjeta' tal-atturi u minhabba f'hekk l-istess proprjeta' tal-atturi soffriet u qed issofri hsarat. Skond l-atturi s-socjetajiet kovenuti l-ohra huma s-sidien tas-sit fejn qieghed isir l-izvilupp mill-imsemmija socjeta' konvenuta Carolina Investments. L-atturi jikkonfermaw li sabiex jikktawtelaw id-drittijiet taghhom, huma ottjenew l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjetajiet konveniuti. L-atturi jammettu li saru xi xogholijiet ta'

riparazzjoni da parti tal-konvenuti, izda ma sarux ix-xogholijiet kollha mehtiega. F'dawn il-proceduri l-atturi qed jitlbu li jigi dikjarat li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghad-danni kollha kkagunati lill-atturi fl-imsemmija prorpjeta' taghhom. Qed jitolbu ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u li l-konvenuti, jew minn minnhom, jigu kkundannati jhallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat.

Il-konvenuti ppresentaw ir-risposta taghhom fejn eccipew illi huma gia ghamlu xogholijiet u riparazzjonijiet fl-imsemmija proprjeta tal-atturi liema proprjeta' kienet fi stat ta' abbandun, inutilizzata u f'kundizzjoni hazina minhabba nuqqas ta' manutenzjoni. Illi l-konvenuti esegwew riparazzjonijiet ferm in eccess ghal valur ta' danni minimi li setghu sofrew l-atturi. Skondil-konvenuti ma hemmx danni x'jigu likwidati.

Jirrizulta li fil-mori tal-kawza l-konvenuti ghamlu x-xogholijiet kollha necessarji ta' riparazzjoni fil-proprjeta' in kwestjoni tal-atturi. Dan jirrizulta mill-imsemmi verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2011. Jirrizulta li fl-istess seduta l-atturi ddikjaraw li huma sodisfatti bix-xoghilijiet kollha rimedjali li saru mill-konvenuti. Jirrizulta ukoll li l-partijiet qabblu li jittransigu l-kawza billi l-konvenuti in solidum bejnithom ihallsu s-somma ta' elf euro (€1000) lill-atturi bhala danni likwidati u jhallsu ukoll l-ispejjez kollha tal-kawza. Dan jirrizulta kemm mill-imsemmi verbal tas-seduta tal-16 ta' Jannar 2012 kif ukoll mill- verbal tas-seduta tat-23 ta' April 2012. Konsegwentement il-Qorti ser tghaddi sabiex tghati s-sentenza a bazi tat-transazzjoni milqugha bejn il-partijiet. .

Ghal dawn il-motivi

Tiddeciedi billi tikkundanna lill-konventi jhallsu in solidum bejnithom lill-atturi s-somma ta' elf euro (€1000) bhala danni likwidati sofferti mill-atturi fl-imsemmija proprjeta' taghhom u kagunati mill-konvenuti kif ukoll danni ohra relatati.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenuti ukoll in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------